MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Numru. 366/2002

**Artikolu 18, 308, 309, 310 tal-Kap 9,**
**Artikolu 5 tal-Kap 152**
**tal-Ligijiet ta'Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Stephen Mallia**

**V**

**JOSEPH MEILAQ**

**Seduta ta' llum, 28 ta' Ottubru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH MEILAQ** ta sbatax il-sena bin Raymond u Irene nee Cachia, imwieled Pieta nhar t-tnejn ta' Gunju, 1982, li joqghod 'Pawla Flats', Numru 2, Triq iz-

Zurrieq, Safi, detentur tal-karta tal-identita numru 306782M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta u fil-hdax ta' Marzu, 2002 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn l-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimierika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor ghamel qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan s-sub artikolu.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlettax ta' Mejju, 2002 esibit f'dawn l-atti markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri u cioe fil-mument meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebitati lilu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat b'mod voluntarju u minn jeddu nhar l-hdax ta' Marzu, 2002 esibita fl-atti odjerni markata bhala dokument CSH 8 u minn ezami taghha jirrizulta li l-imputat kien qed jigbor il-flus taht il-pretiza li kienu ghal handikappati permezz ta' dokumentazzjoni falza u dan anke wara li kien gie mwissi mill-pulizija f'okkazzjonijiet precedenti.

Illi l-Qorti ma tistax ma tikkummentax u turi l-istmerija taghha ghal dan t-tip ta' gbir ta' flus u cioe li jintuzaw istituzzjonijiet filantropici b'abbuz ghal gbir ta' fondi ghal ragunijiet personali.

Pero minn naha l-ohra jirrizulta li hemm fatturi mitiganti li jimmeritaw favur l-imputat biex l-Qorti ma tkunx severa mal-imputat meta tigi biex tapplika l-piena idoneja u cioe :

1. Il-fedina penali tal-imputat indellibbli bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registratat fuqha;
2. Il-ko-operazzjoni totali tal-imputat sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija u cioe mill-mument tar-rilaxx tal-istqarrija u l-ammissjoni tieghu tal-partecipazzjoni tieghu f'dan d-delitt;
3. L-ammissjoni bikrija tieghu registrata f'dawn l-atti fl-ewwel seduta u b'hekk evita dewmien inutili tal-Qorti u ffranka spejjes pubblici;
4. L-ammont ta' rikoverat huwa de minimis u cioe sitta w ghoxrin lira maltin u hamsin centezmu;
5. Illi r-rikoverat jinsab esibit l-Qorti mill-Prosekuzzjoni; u
6. l-eta zghira tal-imputat.

Il-Qorti rat wkoll li l-imputat huwa disokkupat ghalkemm dhul ghandu peress li jirregistra mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ghal ghajnuna socjali.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li ghandha tikkundanna lil imputat JOSEPH MEILAQ ghal hlas ta' multa zghira ta' hamsin lira maltin li ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' ghaxar liri maltin u f'kaz t'inadempjenza, din il-multa tigi konvertita fi prigunerija.**

**Oltre dan tordna li JOSEPH MEILAQ jitpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar ai fini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan l-ghan qed tinnomina lil Carmen Nygaard sabiex tkun il-Probation Officer tieghu.**

**L-imputat probationer ghandu jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Probation Officer Carmen Nygaard li hija l-lungus manus tal-Qorti u f'kaz li ma jsegwix l-ordnijiet moghtija lilu minnha, il-Qorti tesigi li tkun infurmata minnufih.**

**Oltre dan tordna lil Probation Officer Carmen Nygaard sabiex tippresenta rapport bil-miktub lil din il-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat probationer.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lil Probation Officer Carmen Nygaard.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**